**APRIL 2007** **NUMRU 220**

# L-GĦID IT-TAJJEB

**Il-Presidenza Ġenerali**
**Il-Membri tad-Direttorju u d-Diriġenti Ċentrali**
**Jixtiequ jagħtu**
**l-GĦID IT-TAJJEB**
**lid-Diriġenti Parrokkjali, Assistenti Ekkleżjastiċi ,**
**lill-Membri kollha**
**ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija u l-Familjari, Benefatturi**
**lill-Familja Kbira tal-Morda u dawk b'Dizabilità,**
**lill-Anzjani b'mod specjali dawk tad-Dar Familja Mqaddsa, Naxxar.**

## Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.

L-ikbar festa tar-reliġjon tagħna din is-sena taħbat fit-8 ta' April. Għidtilkom l-ikbar festa u taħbat l-ikbar festa għax fiha nfakkru l-ikbar miraklu li Ġesù għamel li qajjem lilu nnifsu mill-mewt. L-ikbar festa għax tissiġilla l-mirakli l-oħra li Kristu għamel tul ħajtu. L-ikbar festa għax jekk il-mirakli kollha li għamel tul ħajtu jikkonfermaw id-divinità ta' Ġesù, li huwa tassew Alla u Bniedem, tikkonferma wkoll li dak kollu li għallem ma jistax ma jkunx verità, għax Alla la jqarraq u lanqas jitqarraq .. . . L-ikbar festa għax il-qawmien ta' Ġesù mill-mewt hija konferma li hu għandu s-setgħa fuq il-ħajja u l-mewt ''għax jien nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha. Ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minn rajja. Għandi s-setgħa li nagħtiha u għandi s-setgħa li nerġa' neħodha'' Ġw. 10, 17

Għidtilkom ukoll li din is-sena taħbat fit-8 ta' April . . . Tafu għaliex il-Jum tal-Qawmien ta' Ġesù mhux fiss? Iva għax aħna nagħmlu l-festa ta' l-Għid, fl-ewwel qamar kwinta tar-rebbiegħa . . . kif il-Lħud jagħmlu l-Għid tagħhom. Kien il-qamar kwinta tar-rebbiegħa li l-Lhud kienu meħlusin mill-jasar ta' l-Eġittu, u Ġesù fil-qamar kwinta ħelisna mill-jasar tad-dnub.

Beatu Ġorġ Preca. Bħalissa ħafna membri ta' l-Azzjoni Kattolika ma' eluf ta' Maltin u Għawdxin, qed nitħejjew biex nassistu għall-kanonizzazzjoni tal-Beatu Dun Ġorġ. Kollha kemm aħna rridu nitħejjew għal din l-okkażjoni ewlenija. Aħna wkoll bħala membri Lajċi ta' l-Azzjoni Kattolika, għandna dejn doppju lejn il-Beatu Dun Ġorġ. . . l-ewwel għall-ġid li għamel bit-tagħlim li hu xandar, u t-tieni għax bħal fundaturi ta' l-Azzjoni Kattolika, fl-1867 Mario Fani u Giovanni Acquaderni, kienu ispirati mill-Ispirtu Qaddis biex jagħtu importanza lil-lajċi biex ikunu ħaddiema fil-Knisja. Intom il-lajċi għandkom tkunu iktar grati lejn il-Beatu Dun Gorg, għax fikom minn qabel il-Konċilju Vatikan II ra qawwa, fikom kellu fiduċja u bikom ried li l-Knisja terġa' għaż-żmien ta' l-Appostli li kienu għarrfu l-ħtieġa tal-ħidma tal-lajċi fil-Knisja.

Tinsewx kull min għandu email, jibgħatu lis-Segretarju Ġenerali Adrian Leone Ganado f'dan l-indirizz . . . webmaster@akmalta.org biex tkunu tistgħu tirċievu l-Information Sheet u informazzjonijiet oħra mid-Direttorju. Nittama li l-presidenti jaqraw l-Information Sheet lill-membri fil-ħin ta' l-avvizi.

Il-Mulej iberikkom.
**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

## MADWARNA

Il-Knisja u l-Unjoni Ewropea - Hekk kif kont qegħda naħseb biex nikteb dan il-messaġġ żgħir, il-Kunsill tal-Konferenza Episkopali Ewropea ppubblika rapport dwar *Ewropa ta' Valuri - Id-Dimensjoni Etika ta' l-Unjoni Ewropea.* Dan ir-rapport kien ippreparat għall-Kungress ta' l-Isqfijiet ta' l-Unjoni Ewropea dwar *Valuri u Perspettivi għall-Ewropa,* Kungress li ġie organizzat eżatt fi żmien meta l-Unjoni Ewropea kienet qegħda tiċċelebra għeluq il-ħamsin sena mhux biss ta' paċi imma ta' kollabborazzjoni sħiħa fost l-Ewropej wara gwerra kbira. Malta kienet irrappreżentata mill-Isqfijiet tagħha għal dan il-Kungress.
Ir-rapport ifaħħar lill-politiċi u lil dawk kollha li ħadmu għal din l-għaqda u jinsisti li issa, li hu possibbli naħdmu flimkien:

- L-Ewropa trid taħdem biex iċ-ċittadini jifhmu aktar dwar il-benefiċċji li tista' ġġib magħha din l-għaqda;
- Għandha tiżviluppa solidarjetà soċjali sostenibbli;
- Għandha tuża l-potenzjal li toffri l-globalizzazzjoni biex jiġi kkreat aktar ġid għal kulħadd;
- Għandha tkun ta' eżempju fejn jidħol il-preservazzjoni ta' l-ambjent;
- Għandha taħdem biex ikun hawn aktar paċi u sigurtà mhux biss fl-Ewropa imma mad-dinja kollha, billi issaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku u tiġġieled kontra l-faqar, il-kriminalità internazzjonali u t-terroriżmu u tieħu ħsieb il-problema ta' l-emigrazzjoni.

Dan li qegħdin iħeġġu l-isqfijiet ta' l-Ewropa. Aħna fiċ-ċokon tagħna wkoll irridu nagħtu s-sehem tagħna, kemm billi nikkoperaw ma' dak kollu li jwassal biex iseħħ dan, kif ukoll permezz ta' l-opinjoni tagħna dwar dan.

Din mhux l-ewwel darba li l-Knisja qegħda titkellem dwar l-Ewropa. Il-Papa Ġwanni Pawlu II ippubblika Eżortazzjoni Appostolika *'ecclesia in Europa'.* Il-Papa preżenti tkellem kemm il-darba dwar il-vokazzjoni ta' l-Ewropa li tkun ta' eżempju għad-dinja permezz tal-wirt Kristjan tagħha. Il-Federerazzjoni Internazzjonali ta' l-Azzjoni Kattolika għadha kemm organizzat laqgħa f'Madrid, Spanja dwar is-sehem tal-membri ta' l-Azzjoni Kattolika biex ixxerred il-kultura Kristjana fl-Ewropa (rapport fil-Ħuġġieġa ta' April). Il-Fokolarini se jorganizzaw Kungress fi Stutgard, il-Ġermanja.

Bejnietna lkoll għandna nkunu ta' influenza kbira fuq il-futur mhux biss ta' l-Ewropa imma tad-dinja. Jekk il-Kultura Ewopea tkomplix miexja fuq il-wirt Kristjan tagħna, jekk tkomplix tagħti eżempju ta' kif il-popli jistgħu jgħixu flimkien fil-paċi u fil-prosperità, jiddependi wkoll fuqna.
**Joyce Pullicino President Ġenerali**

## Fergħa Rġiel

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn, 16 ta' April 2007** | **Laqgħa tal-Kunsill ċentrali fil-5.30 p.m.** |
| **Il-Ħamis, 19 ta' April 2007** | **Skola ta' l-Appostolat fid-9.30a.m. f'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana.** |
| **Il-Ġimgħa 11 ta' Mejju 2007** | **Ċenaklu fis-6.00 p.m. Sala Dandria, Istitut Kattoliku Floriana.** |

---

## A.K. Fergħa Rġiel - Vittoriosa

**WIRJA MEJDA TA' L-APPOSTLI**
**Se ssir wirja tal-Mejda ta' l-Appostli fuq stil oriġinali mwaqqfa mill-membri ta' l-Azzjoni Kattolika, Fergħa Rġiel, tal-Birgu. Se tkun għal wiri fl-Oratorju tal-Kurċifiss, ħdejn il-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz, il-Birgu.**
**Din il-wirja li ntramat l-ewwel darba fl-1963, hi fuq stil oriġinali u fiha wieħed jista' jara aċċessorji tal-fuħħar kif ukoll sett ta' statwetti ta' l-Appostli, mlibbsin bid-drapp fuq stil tal-Vari tal-Knisja tal-Parroċċa. Wieħed jista' jara wkoll sett tal-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll simboli li joħorġu fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Birgu.**

**<u>Ġranet u Ħinijiet tal-Wirja</u>**

| | |
|---|---|
| **Ħadd il-Palm** | **6.00 p.m. sat- 8.00 p.m.** |
| **It-Tnejn** | **10.00 a.m. sa 12.00 p.m.** |
| **It-Tlieta** | **10.00 a.m. sa 12.00 p.m** |
| | **6.00 p.m. sat-8.00 p.m.** |
| **L-Erbgħa** | **10.00 a.m. sa 12.00 p.m.** |

| | |
|---|---|
| | **6.00 p.m. sat-8.00 p.m.** |
| **Il-Ħamis ix-Xirka** | **8.00 a.m. sa 12.00 p.m.** |
| | **4.00 p.m. sal-11.00 p.m.** |
| **Il-Ġimgħa l-Kbira** | **7.00 a.m. sa 12.00 p.m.** |

---

## Fergħa Nisa

| | |
|---|---|
| **Il-Ħamis,12 ta' April 2007** | **Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m.** |
| **Il-Ħamis, 19 ta' Apri** | **Skola ta' l-Appostolat fid-9.30 a.m. f' Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana.** |
| **It-Tlieta, 24 ta' April 2007** | **Sta. Katerina ta' Siena -Attività Soċjali - Ir-Razzett tal-Hbiberija - M'Scala fid-9.30 a.m** |
| **Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2007** | **Kunsill Ċentrali .** |
| **Il-Ġimgħa 11 ta' Mejju 2007** | **Ċenaklu fis-6.00 p.m. Sala Dandria, Istitut Kattoliku Floriana.** |

---

## Fergħa Xebbiet Adulti

| | |
|---|---|
| **Il-Ħamis, 12 ta' April 2007** | **Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m** |
| **Il-Ħamis, 19 ta' April 2007** | **Skola ta' l-Appostolat fid-9.30 a.m. f'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana.** |
| **Il-Ħamis, 19 ta' April 2007** | **Laqgħa għall-membri kollha. fis-6.00 p.m. Imexxi Mons Paul Vella.** |
| **Il-Ġimgħa 11 ta' Mejju 2007** | **Ċenaklu fis-6.00 p.m. Sala Dandria, Istitut Kattoliku Floriana.** |

**Inħeġġu lill-membri kollha biex jieħdu sehem fil-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, filwaqt li nixtiequ lil kullħadd l-Għid it-Tajjeb.**

---

## LOTTERIJA

**Għal darb'oħra l-Azzjoni Kattolika qed titlob l-għajnuna tagħkom biex jinbiegħu l-biljetti tal-Lotterija li qed nagħmlu bħalissa. Għalkemm l-Azzjoni Kattolika Maltija hija organizzazzjoni li titmexxa b'mod volontarju xorta waħda wieħed irid jiffaċċa l-ispejjez ta' l-amministrazzjoni ġenerali, u l-qliegħ li se jibqa' minn din il-lotterija se jintuża biex jitħallsu xi spejjeż li ilhom pendenti kif ukoll jibdew jiġu modernizzati l-uffiċċji ta' l-Amministrazzjoni Ċentrali fl-Istitut Kattoliku.**

**Is-suċċess ta' dawn l-inizjattivi jiddependi mill-għajnuna tagħkom, biex b'hekk inkunu nistgħu nilħqu l-objettivi msemmija u nkunu nistgħu nkomplu norganizzaw opri ta' għajnuna u ta' tagħlim f'dinja tant moderna u kompetittiva. Filwaqt li nirringrazzjawkom bil-quddiem ta' l-għajnuna tagħkom jiena żgura li bħal dejjem intom ħa tagħmlu l-għalmu tagħkom biex l-Azzjoni Kattolika tkompli timxi 'l quddiem u aħna min-naħa tagħna nwegħdukom it-talb tagħna.**

**Natalie Farrugia**
**Amministratur Ġenerali**

---

**Ċenaklu Għad-Diriġenti Ċentrali**
**Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Mejju, 2007**
**Fis-6.00 p.m fl-Istitut Kattoliku, Floriana.**
**Il-Membri tad-Direttorju Ġenerali u tal-Kunsilli u Kummissjonijiet Ċentrali**
**huma mħeġġa li jattendu.**

**KUMMISSJONI FUNDRAISING**

Biex inzommu tradizzjoni ta' kull sena,
Il-Lunch tal-Mother's Day sejjer isir
Nhar il-Hadd, 20 ta' Mejju 2007.
Dettalji u aktar informazzjoni fl-Information
Sheet ta' Mejju 2007.
Il-President u l-Kumitat tal Kummissjoni Fundraising jixtiqulkom l-Ghid it –Tajjeb
Narawkom fl-20 ta' Mejju ! ! !

**SKOLA TA' L-APPOSTOLAT**

Il-Ħamis, 19 ta' April 2007 fid-9.30 a.m.
F'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku,Floriana.

## MOVIMENT GĦALLIEMA KATTOLIĊI

| | |
|---|---|
| **L-Erbgħa,11 ta' April 2007** | **Kors ta' Spiritwalità LaSaljana, fis-6.00 p.m.** |
| **Is-Sibt 14 ta' April 2007** | **Laqgħa ta' l-E.T. Mons P. Cremona, O.P. Arċisqof ta' Malta ma' l-edukaturi fis-6.00 p.m. De La Salle College, Birgu.** |
| **L-Erbgħa, 18 ta' April 2007** | **Laqgħa tal-Kunsill, fil-5.30 p.m.** |

**Għal aktar informazzjoni ċemplu fuq 21374466**

-----------------------

## Gruppi Koppji Miżżewġin

**Gruppi Koppji Balzan , Naxxar , Hamrun Kuncizzjoni u Rabat**

**Irtir fid-Depiro Youth Centre Rabat**

| | |
|---|---|
| **Meta** | **nhar il-Ħadd 22 ta' April 2007** |
| **Ħin** | **mid-9.30 a.m. sa 12.00 p.m.** |
| **Imexxi** | **Patri Damian Cachia O.Carm** |
| **Suggett:** | **Kristu w il-Knisja** |

**Kullhadd Hu Mistieden**

**Il-Ġimgħa 11 ta' Mejju 2007** **Ċenaklu fis-6.00 p.m. Istitut Kattoliku, Floriana**
**Carmen u Joe Agius Delicata**

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

**SOLIDARJETÀ - Il-programm li tippreżenta l-A.K.M. ddedikat lill-Morda u Persuni b'Diżabilità bl-isem SOLIDARJETÀ qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-8.30 p.m.**
**Dawn huma d-dati tal-Programm tagħna għal April 2007:- 1, 8, 15, 22 u 29.**
**Eżekuttiv - Nhar l-Erbgħa 11 ta' April, 2007 fis-6.00 p.m. il-membri tal-Kummissjoni jkollhom il-laqgħa ta' kull xahar fl-Istitut Kattoliku, Floriana. Jiġu diskussi l-attivitajiet ta' Mejju u Ġunju 2007.**
**Laqgħa tal-Persuni b'Diżabilità - Il-Kummissjoni tagħna se torganizza l-Laqgħa Annwali għaż-żgħażagħ b'diżabilità fl-1 ta' April 2007,**
**F'Ħadd il-Palm fid-9.00 a.m. fis-Sala tal-Kunvent tas-Sacred Heart, San Ġiljan nagħtu bidu għal laqgħa tagħna bit-tberik taż-żebbuġ u l-Quddiesa. Iċ-ċelebrant ikun il-konsultur Ekkleżjastiku tagħna Mons. A. Deguara waqt li l-Folk Group ta' l-Imġarr imexxi l-kant. Tkompli b'riċeviment u b'divertiment.**
**Awguri - Nawguraw l-Għid it-tajjeb lid-delegati parrokkjali, id-distributuri tal-Faraġ, car-owners u lill-membri ta' l-Eżekuttiv tagħna. J'Alla Ġesù Rebbiegħ fuq il-mewt jitfa' fuqna lkoll ħafna grazzji biex inkomplu nwettqu l-ħidma qaddisa tagħna.**
**Nagħtu l-isbaħ xewqat lill-membri kollha ta' l-A.K.M.**

## Information Sheet bl-email - Proġett NibżgħuGħas-Siġar

Sabiex nagħtu sehemna favur l-ambjent u nibżgħu għas-siġar, qegħdin noffru l-opportunità li tirċievu l-Information Sheet bl-email minflok bil-posta. Jekk tixtieq tgħinna f'dan il-proġett, ibgħat ismek u l-indirizz tiegħek fuq l-indirizz:
infosheet@akmalta.org.

## Fergħa Żgħażagħ Azzjoni Kattolika Ż.A.K.

| | |
|---|---|
| **2 ta' April 2007** | **Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'Birkirkara** |
| **4 ta' April 2007** | **Quddiesa organizzata minn ŻAK Żebbuġ fis-19.30 ħdejn tal- Baruni Chapel** |
| **5 ta' April 2007** | **ŻAK Qrendi qed jorganizzaw adorazzjoni fil-kappella ta' San Mattew (il-Maqluba) bejn l-10.00 u l-11.00 ta' filgħaxija.** |
| **13-15 ta' April 2007** | **Weekend seminar is-Seminarju għal leaders li għalqu 20 sena.** |
| **16 ta' April 2007** | **Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders f'Birkirkara.** |
| **29 ta' April 2007** | **Oravision hija parodija ta' l-Eurovision organizzata minn ŻAK Mgarr** |

**Għal aktar informazzjoni u tagħrif li jiġi aġġornat kuljum żuru www.żakmalta.org**

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

**ĠIMGĦA TA' SAGRIFIĊĊJU 2007**
**30 Ta' Marzu – 6 ta' April**
**"Komunità Vera ma tħalli barra lil ħadd "**

**Is-solitudni u l-insigurtà f'mument jew ieħor jgħaddi minnhom kulħadd. Dawn irridu naċċettawhom bħala parti mill-ħajja. Jekk nagħrfu nisfruttaw dawn il-mumenti b'mod pożittiv jistgħu jgħinuna biex ninbidlu u nevolvu biex insiru aktar umani. Aktar bnedmin sħaħ.**

**Madankollu meta s-solitudni u l-insigurtà jsiru l-ħajja tagħna ta' kuljum, jum wara jum, xahar wara xahar, sena wara sena, dan ikun ifisser li nkunu qed neżistu u mhux ngħixu. Hawn f'Malta min hu f'dan l-istat?**

**F'Malta fejn ngħidu li kulħadd jaf lil xulxin, f'Malta li għandna l-kultura nisranija li tippriedka l-imħabba lejn il-proxxmu, f'Malta li tibgħat eluf ta liri għall-missjoni, f'Malta mfaħħra mit-turist għad-dħulija tagħha, kapaċi tkun ukoll Malta li tinsa lill-imġarrab, Malta li taħseb għal rasha sforz l-egoiżmu, Malta li jirkibha l-preġudizzju u ssir razzista, Malta li tinsa lil min hu dgħajjef għax 'jaħlilha' l-ħin.**

**Naturalment huwa żball kbir li niġġeneralizzaw imma kemm huwa sabiħ li bl-umiltà kollha nieqfu f'dawn Iż-żminijiet u nkunu lesti nagħmlu awto kritika, nirriflettu, naraw meta u fejn inħallu barra minn ħajjitna persuni; fil-komunità li ngħixu fiha, fil-komunità aktar wiesgħa, jiġifieri bħala pajjiż sħiħ.**

**It-tema magħżula għal din is-sena għall-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju:**
**'Komunità vera ma tħalli barra lil ħadd' hija stedina biex ilkoll kemm aħna, f'kull livell u ambjent tas-soċjetà tagħna, nirriflettu jekk hux qed inħallu barra lil xi persuni li għandhom kull dritt li jkunu parti integrali minn komunità.**

**<u>Il-biża u l-liberazzjoni</u>**
**Irridu noqogħdu ferm attenti li ma nħallux il-biża tirkibna. Il-biża li tista' tnissel fina sentimenti żbaljati li jwassluna biex neskludu u niċħdu l-oħrajn. Hija l-liberazzjoni tal-qalb li tgħinna nirriflettu u niskopru li aħna għandna lkoll <u>l-istess umanità.</u>**

**Nifhmu li dan irridu nagħmluh f'mixja. Irridu naslu mill-għeluq u s-solitudni tagħna għall-imħabba li tibdilna, imħabba li tgħinna nikbru u twassalna biex niksbu l-libertà. Libertà mhux minn xi oppressjoni ta' stat barrani imma libertà li tfisser li ma tibqax tinħeba wara l-maskri jew wara l-ħajt tal-biża u l-preġudizzju imma libertà li tgħinek tiskopri l-<u>umanità komuni tagħna lkoll.</u> Aħna min aħna. Hu x'inhu s-<u>sess</u> tagħna, il-kulur tal-ġilda tagħna, il-kulur politiku tagħna, l-età tagħna, l-istat ta' saħħa tagħna.**

**<u>Għażla Fundamentali għat -Tip ta' Soċjetà li rridu</u>**
**Jekk nikkommettu ruħna li noħolqu soċjetà fejn fiha jinteressana <u>biss</u> mid-drittijiet tagħna, allura s-soċjetà tagħna ssir dejjem aktar magħluqa fiha nnifisha. Fejn ma nħossux responsabbiltà lejn l-oħrajn, ma nħossux li hemm raġuni li naħdmu f'armonija lejn il-ġid komuni.**

**Min-naħa l-oħra jekk kull wieħed minna jinfetaħ għall-oħrajn u nfittxu li nagħtu kas bil-kundizzjoni tagħhom, imbagħad is-soċjetà li ngħixu fiha tinbidel u tkun aktar miftuħa. Hemmhekk nibdew naħdmu aktar flimkien għall-ġid komuni.**

**Is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika huwa kontinwament impenjat biex propju jxerred dawn il-valuri f'kull livell tas-soċjetà.**

**Servizz bil-Minibuses**
**Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità**
Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikulta' ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom

**ĠRANET LI FIHOM L-ISTITUT KATTOLIKU MA JIFTAĦX**

| | |
|---|---|
| 05 ta' April 2007 | Ħamis ix-Xirka . Jagħlaq fis-1.00 p.m. |
| 06 ta' April 2007 | Ġimgħa l-Kbira. Ma jiftaħ xejn |
| 07 ta' April 2007 | Sibt il-Għid. Ma jiftaħ xejn |
| 09 ta' April 2007 | Easter Monday. Ma jiftaħ xejn |

***Librerija Azzjoni Kattolika - Floriana***

*Wiehed isib:*

*Kull tip ta' kotba religjuzi bil-Malti u bl-Ingliz – ghall-kbar u ghat-tfal, kotba ta' interess generali, oggetti religjuzi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u hafna affarijiet ohra.*

*Issibu ukoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'Go Mobile'.*
*Jistaw jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.*

*Hinijiet tal-Ftuh: Matul il-gimgha - 9.00 ta' filghodu sa nofsinhar*
*4 sas 7.30 ta' filghaxija*
*is-Sibt – filghodu biss*





*Tel: 21 237031*

*Ghalhekk ixtri ir-rigali tieghek min din il-Librerija u barra li tkun qed taghti rigal mill-qalb tkun qed tghin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-hidma taghha.*

***Nota:***

***Dawk kollha li għadhom ma bagħtux ir-rendikont finanzjarju għas-sena 2006 huma mitluba jagħmlu dan mill-aktar fis..***

***Grazzi***
***Amministratur Generali***

Jekk taf lil xi hadd li ghandu xi kumpannija, negozju jew hanut jew xi haga x'jirreklama, issa ic-cans, fil-Huggiega, jista jaghmel dan. Ghal aktar informazzjoni wiehed jista jikkuntatja lil Ms Joyce Pullicino fuq emajl: webmaster@akmalta.org jew icempel fuq in-numru tat-telefon 21 222239 jew 21 237031 fil-hinijiet ta' l-ufficcju u nikkuntatjawk lura.

Il-prezzijiet huma:

Kwart ta' Pagna – Lm 10 + 18% = Lm 11.80 *kull harga*
Nofs Pagna – Lm 20 + 18% = Lm 23.60 *kull harga*

*Grazzi ta' l-ghajnuna.*

# OFFERTA SPEĊJALI

## *FIL*-MIXJA

## *LEJN IS-SENA 2000*

**ALLA L-MISSIER - L-IMĦABBA - IL-QRAR**

**ta'**

**P. Ġorg Frendo O.P. u P. Pawl Cremona O.P.**

## Għall-prezz ta' Lm 0.25c

## *Mill-Librerija ta'*

## *l-Azzjoni Kattolika - Floriana*

# L-AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA

## SER TORGANIŻŻA

## ŻEWĠ ĠITI FIS-SAJF



# GĦALL-LOURDES FI FRANZA

IMEXXIJA MINN PATRI DAMIAN CACHIA ASSISTENT EKKLESJASTIKU

## DATI: MIT-13 – 18 T'AWISSU

## U MILL- 31T'AWISSU SAS-7 TA' SETTEMBRU



GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI
ĊEMPLU 21 222239